**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 754/15**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs.**

**Stephen Inguanez**

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Stephen Inguanez, ta' 45 sena, bin Joseph u Concetta nee D'Anastasi, imwieled Pieta, fit-23 ta Mejju 1969, u li joqgħod f' 156, Triq il-Kbira Dingli, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 229069M

U akkuzatu talli fil-5 ta Frar 2011 u fil-jiem ta qabel u wara, fl-Imgarr, Triq Sir Temi Zammit:

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra

sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn ħamest elef ewro (€ 5,000) għad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji oħra; (Art. 308 tal-Kodici Kriminali qabel l-Att XXIV tal-2014)

2. u aktar talli, f'dawn il-gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, bi ħsara għall-ħaddieħor, għamel xi qligħ ieħor b'qerq għad-dannu ta' diversi persuni u/jew kumpanijia ta' assikurazzjoni; (Art. 309 tal-Kodici Kriminali qabel l-Att XXIV tal-2014)

3. u aktar talli f'dawn il-gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għall-ħaddieħor, f'xi dokument xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz; (Art. 188 tal-Kodici Kriminali)

4. u aktar talli f'dawn il-gżejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għall-ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji, jew xi qligħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'l hinn, jew għarraq b'xi mezz li jkun, ħwejjeġ tiegħu; (Art. 295 tal-Kodici Kriminali)

5. u finalment talli rrenda ruħu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta, Maġistrat Dr Giovanni Grixti LLD, moghtija lilu nhar is-27 ta Novembru 2006, liema sentenza saret definitiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-6 ta' Jannar 2016 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat li waqt l-udjenza tas-6 ta' Jannar 2016, l-imputat tenna li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[3]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar l-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-5 ta' Frar 2021.[5]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-6 ta' Lulju 2022.[6]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

[1] Folio 10 ta' l-atti processwali
[2] Folio 3 ta' l-atti processwali
[3] Folio 10 ta' l-atti processwali.
[4] Folio 62-64 ta' l-atti processwali
[5] Folio 73 ta' l-atti processwali
[6] Folio 338 ta' l-atti processwali

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna l-allegata messa in xena ta' incident stradali nhar il-5 ta Frar 2011, frott ta' kolluzjoni bejn l-imputat Stephen Inguanez u certu Aaron Grech, bil-hsieb li jinkiseb vantagg in linea ta' hlas mill-assikurazzjoni Elmo Insurance.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2016 xehed **l-Ispettur Rennie Stivala**[7], stazzjonat fit-Taqsima kontra r-Reati Ekonomici. Spjega kif lejn l-ahhar tas-sena 2013, huwa kien gie nkarigat sabiex jahdem fuq kazijiet ta' *insurance fraud* in kollaborazzjoni mal-*Malta Insurance Association*. Huwa gie assenjat il-kaz prezenti fejn flimkien mal-Ispettur Arthur Mercieca, mexxa l-investigazzjonijiet. Spjega li kien nhar is-7 ta' Lulju kien kellem lill-imputat Stephen Inguanez taht *caution* in konessjoni ma' allegat incident stradali li kien sehh fil-5 ta' Frar 2011 fi Triq Sir Temi Zammit, l-Imgarr, fejn kienu nvoluti l-vetturi vann tal-ghamla Mazda LVY-168 misjuq mill-imputat u Ford Escort EAH-623 proprjeta` ta' certu Aaron Grech u misjuqa minnu stess. L-imputat kien spjega li meta sehh l-incident huwa kien qed isuq lura d-dar mic-Cirkewwa u f'daqqa wahda, hargitlu l-vettura l-ohra minn fuq *stop sign*. L-imputat kien qal li lil dan Aaron Grech ma

[7] Fol. 13-19 ta' l-atti processwali.

kienx jafu hafna izda kien jaf lil huh Josef Grech minhabba li dan kien jahdem xufier bhalu. Meta gie kkonfrontat bis-suspett li l-incident kien wiehed fabrikat, l-imputat kien innega dan filwaqt li kkonferma li kien ha madwar €2,000 mill-assikurazzjoni u zamm il-vann bhala *wreck* minhabba li kellu l-permessi fuqu. L-imputat kien qal lix-xhud li ftit wara kien biegh il-vann lil wiehed jghidulu *"il-Grillu"* mill-Mosta ghal madwar *"erbat'elef lira Maltin"* (ekwivalenti ghal €9,320). Minkejja li l-vann kien antik u mahbut, il-valur tela' daqstant minhabba li ghandu l-permessi tax-xoghol. Ix-xhud kompla jispejega illi meta huwa kellem lill-Aaron Grech, dan kien ammetta mieghu li kienu ftehmu huwa u l-imputat biex isir dan l-incident u kien hallsu bejn €400 u €500 biex jiftah il-*claim* mal-assikurazzjoni. Ix-xhud spjega li l-imputat kien iggustifika li hallas xi flus lil Grech minhabba li skont hu, dan ma kellux flus biex jiftah il-*claim* u tahomlu biex jigi spedit il-process madankollu kwalifika li l-ammont kien bejn €150 u €200.

Waqt l-istess seduta, x-xhud esebixxa l-istqarrija ta' l-imputat, sentenza in sostenn tal-prova tar-recidiva[8] kif ukoll it-*Traffic Accident Report* bin-numru tar-referenza 99888/GWSHL.[9]

Ix-xhud gie riprodott in kontro-ezami waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2021[10]. Sostna li l-investigazzjoni dwar l-incident mertu tal-proceduri ma kienitx biss ibbazata fuq il-verzjoni ta' Aaron Grech izda ukoll fuq ir-rapport maghmul mill-assikurazzjoni. Iccara illi fl-investigazzjoni tieghu kien iffoka biss fuq il-vann in kwistjoni u ma kienx ha konjizzjoni ta' jekk l-imputat ghandux vetturi ohrajn tax-xoghol. Qabel li fil-proceduri kontra tieghu, Aaron Grech kien l-ewwel ikkontesta l-akkuzi imbaghad sussegwentament irregistra ammissjoni. Ix-xhud ma kienx kapaci jispjega f'termini ta' cifra x'beneficcju

[8] Dok RS1, Folio 20-21 ta' l-atti processwali
[9] Dok RS3, Folio 23-26 ta' l-atti processwali
[10] Fol. 86-89 ta' l-atti processwali.

kien hemm ghall-imputat li kieku stess l-incident kien verament messa in xena. Ikkonferma li Aaron Grech kien ammetta mieghu li kien f'qaghda finanzjarja prekarja u ghalhekk kien allegatament *"rahom sbieh"* €400. Stqarr li ma kienx jaf is-socjeta` assikuratrici tal-imputat qattx hadet xi provvedimenti kontrih fis-sens li twaqqaflu s-servizzi.

**Jeffrey Crockford**[11], *Claims Manager* ma Elmo Insurance xehed fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2016. Spjega li l-vettura ta' Aaron Grech kienet assikurata ma Elmo Insurance u li in segwitu tal-incident in kwistjoni, kien sar hlas ta' €2,240 lil Stephen Inguanez wara li kienu inqatghu €500 biex zamm il-vann mahbut li kien gie dikjarat *beyond economic repair*. In kontro-ezami spjega li biex fetah il-*claim*, Aaron Grech ma kellu jhallas l-ebda *excess fee*.

**L-Ispettur Arthur Mercieca**[12], stazzjonat fit-Taqsima tal-Investigazzjonijiet Kriminali xehed fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2016. Ikkonferma li kien ikkollabora mal-Ispettur Rennie Stivala mit-Taqsima kontra r-Reati Ekonomici dwar dan il-kaz u kkorrobora x-xhieda tieghu. Ikkonferma li d-decizjoni li jinhargu l-akkuzi kontra Stephen Inguanez kienet imsejjsa fuq il-verzjoni li ta Aaron Grech, u cioe` li kien kolluzjoni bejniethom biex l-incident gie mess in xena.

**Aaron Grech**[13] xehed fis-seduta tal-5 ta' Frar 2021. Stqarr li l-habta in kwistjoni kienet saret in segwitu ta' ftehim bejnu u bejn l-imputat Stephen Inguanez, li gharaf u identifikah fl-awla. Huwa kien qed isuq il-vettura Escort filwaqt li l-imputat kien qed isuq il-vann Mazda. Ix-xhud iddikjara illi wara l-incident, l-imputat kien halsu €500, li wara li kien hallas il-*claim*, kien baqalu madwar €400 f'idu.

[11] Fol. 28-32 ta' l-atti processwali.
[12] Fol. 34-38 ta' l-atti processwali.
[13] Fol.74-81 ta' l-atti processwali.

**L-imputat Stephen Inguanez**[14] xehed minn rajh waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2022. Spjega li fiz-zmien relevanti, u cioe` fis-sena 2011, huwa kien attiv bil-*public service garage*, fejn kellu *minibuses* u *taxis*. Kien jahdem ukoll bhala mekkanik. Kellu 15-il vettura *self-drive*, 2 taxis u 4 *minibuses*. Il-vann in kwistjoni, li huwa pjuttost zghir, l-aktar li kien juzah kien ghall-vjaggi bit-tfal tal-iskola fl-akkwata tar-Rabat u dan minhabba li kien irid jghaddi minn hafna toroq dojoq u rurali biex jigbor lit-tfal. Innega bil-qawwa li kien dahal fi ftehim ma Aaron Grech filwaqt li sostna li l-incident mertu tal-kawza kien wiehed genwin. Bhala konsegwenza tal-incident, il-vann ma setax jintuza u l-imputat kellu jissellef vann minghand certu Joseph Micallef biex ikun jista' jibqa' jahdem ir-rottot in kwistjoni. Apparti s-somma li ha minghand l-assikurazzjoni, il-vann mahbut kien zammu minhabba l-permess u bieghu lil terzi bil-permess b'kollox. Eventwalment kellu jixtri vann bhala *replacement* izda sostna li dan ma kienx ippjanat u kellu jaghmel hekk minhabba c-cirkostanzi. Kompla jghid li kien *"moqdi"* bil-vann li kellu. Rizultat tal-incident huwa garrab telf fis-sens li kellu jirrikambja lil Joseph Micallef f'xoghlijiet b'xejn u ukoll zied fil-konsum tal-fjuwil minhabba li kellu jibdel certu rottot tenut kont tad-daqs tal-vann li spicca juza. In kontro-ezami spjega l-assikurazzjoni kienet inizzjalment offrietlu €2,000 izda minhabba li kien zamm il-vann mahbut, effettivament kien inghata madwar €1,700. Innega li kien dahal fi ftehim ma Josef Grech, hu Aaron Grech biex jigi mess in xena l-incident in kwistjoni ghalkemm qal li lil Josef Grech kien jafu di vista minhabba li kien jahdem bhala xufier bhalu. Ikkonferma li ghadda madwar €300 Aaron Grech sabiex ikun jista' jiftah il-*claim* mal-assikurazzjoni tieghu izda wara rrizulta li lanqas kien hemm bzonn isir hlas.

**Claudine Mallia**[15], rapprezentanta ta' Thomas Smith Insurance, xehdet waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju 2022. Ikkonfermat li l-imputat huwa klijent tas-socjeta`

[14] Fol. 91-97 ta' l-atti processwali.
[15] Fol.99 ta' l-atti processwali.

assikuratrici fis-sens li ghandu poloz ta' assikurazzjoni mahruga f'ismu hekk kif ikkonfermat mid-dokument esebit minnha[16]. Hija pprezentat elenku tal-poloz attivi bejn is-snin 2011 u 2012 fejn kien hemm 19-il vettura, minnhom vetturi tal-kiri, privati u *minibuses*.

**Joseph Micallef**[17] xehed fl-istess seduta. Spjega li lill-imputat ilu jafu sa minn meta kienu ghadhom tfal u baqghu dejjem in kuntatt minhabba li t-tnejn jahdmu bil-*minibuses*. L-imputat huwa ukoll il-mekkanik tax-xhud. Spjega li kien hemm zmien fejn silef vann lill-imputat biex ikun jista' jkompli minhabba li l-vann tieghu kien bil-hsara ghax *"kienu dahlu go fih"*.

**George Vella**[18], maghruf bhala "Il-Grillu" xehed fl-istess seduta. Ikkonferma li kien xtara *minibus* bin-numru ta' registrazzjoni LVY-168 minghandu. Dan il-*minibus* kellu daqqa fil-genb u x-xhud kien kissru ghall-i*scrap* ftit wara biss li zamm il-pjanci ghal fuq vann iehor.

Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2022 xehdet **Karen Cremona**[19], in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, li pprezentat elenku tal-vetturi kollha li jinsabu registrati fuq isem l-imputat Stephen Inguanez. Ipprezentat ukoll elenku tal-vetturi li kienu registrati fuq l-imputat fil-passat u llum ma ghadhomx jghajjtu lilu. Ipprezentat ukoll kopja tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat li effettivament tkopri l-kategoriji kollha.[20]

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

[16] Folio 101 ta' l-atti processwali
[17] Fol.102-103 ta' l-atti processwali.
[18] Fol. 104-105 ta' l-atti processwali.
[19] Fol. 106-108 ta' l-atti processwali.
[20] Dok KC1, KC2, Folio 109-337 ta' l-atti processwali

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[21] ta' l-imputat ittiehdet nhar is-7 ta' Lulju 2014, u iktar minn tlett snin wara l-incident gewwa t-Taqsima ta' kontra r-reati ekonomici, il-Kwartieri Generali tal-Floriana fil-presenza ta' l-Ispettur Rennie Stivala u PS 476 Shawn Friggieri u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni skond il-ligi in vigore dak iz-zmien.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma ssirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u ma ikkonsultax ma avukat qabel bdiet l-interrogazzjoni.[22]

Illi fl-istqarrija l-imputat Stephen Inguanez ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat jichad l-involviment tieghu jew li qatt kien ftiehem ma xi hadd jew ha xi flus sabiex jakkwista xi vantagg.

**Principji legali dwar l-istqarrijiet**

Fuq bazi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l- istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġiet rilaxxata l-istqarrija tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrija in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni

[21] Folio 4-5 ta' l-atti processwali
[22] Dok RS2, Folio 22 ta' l-atti processwali

mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ghazel li ma juza. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[23] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[24] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher*

[23] Fit-28 ta' Novembru 2016
[24] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-

sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[25] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta′ l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[26] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[27] fejn il-Qorti rriteniet:

---

[25] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

[26] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

[27] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[28] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*
>
> *Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta*

[28] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[29]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[30]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[31] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[32]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[33]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[34] fejn gie ikkonfermat li meta

[29] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[30] Folio 14 tas-sentenza
[31] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[32] Folio 25 tas-sentenza
[33] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[34] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

F'decizjoni ricenti **Morgan Onuorah v l-Avukat tal-Istat**[35] il-Qorti Kostituzzjonali stqarret li:

*"il-qrati domestici ma jistghux jippermettu li f'proceduri kriminali li ghadhom pendent jithallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bhala difett procedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-process kriminali kollu."*[36]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi**[37] fejn il-Qorti riteniet:

*Din il-Qorti ghalhekk tqis li nonostante l-fatt li l-istqarrija ta' Wayne Grima ittiehdet fi zmien meta suspettat ma kienx jinghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt listqarrija u fejn setghet anke tapplika r-regola ta' inferenza fejn suspettat jaghzel li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, jekk ma jkun irid jghid xejn jew jonqos milli jsemmi xi fatt u sussegwentement matul il-process iressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni, mhux biss Wayne Grima ghazel li jiguramenta l-istqarrija tieghu izda ukoll sal-lum il-gurnata ma jirrizultax jekk Wayne Grima qieghed jikkontesta l-ammissibilita' jew il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu. Ghalhekk din il-Qorti tqis li tali stqarrija ghandha tibqa' fl-atti u ghalhekk hija prova ammissibli f'kaz li Wayne Grima jixhed f'dan ilguri u tali stqarrija ma tigix kontestata minnu.*

*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza, tilqa' limitatament l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat billi filwaqt li tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Tony Curmi fit-23 ta' Novembru 201459*

[35] Deciza 27 ta' Jannar 2021, Qorti Kostituzzjonali, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

[36] Folio 12 tas-sentenza

[37] Qorti Kriminali; Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Att ta' Akkuza 8/2019

*a fol 7 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bhala prova inammissibbli u ghalhekk tordna l-isfilz taghha, tiddikjara ukoll kwalunkwe referenza li saret fl-atti inkluz fil-provi u fix-xhieda ghal dak li l-akkuzat Tony Curmi seta' qal matul l-investigazzjoni u matul it-tehid tal-istqarrija minghajr ma kellu Avukat prezenti bhala ukoll inammissibli.*

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat[38], u tinsab konvinta li l-imputat ma kienx necessarjament ben konxju jew imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijia u ma tqishiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

**Kunsiderazzjonijiet legali - Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolenti innonimata (Art. 308 u 309 tal-Kodici Kriminali)**

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[39] fejn inghad li

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett*

[38] Folio 6 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali
[39] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tattruffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*

*Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou**[40] fejn intqal:

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

[40] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs George Manicolo**[41] fejn gie ikkonfermat:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-bidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f' dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f' dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza in materja."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali[42]:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fissentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali.*

[41] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998
[42] Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

*Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. IlQorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma*

*huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (IlPulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la*

*realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."*

*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Charles Zarb**[43] fejn intqal:

*"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l- element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Abela**[44] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

[43] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993
[44] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

Tajjeb jinghad li f'din il-kawza l-akkuzi jirrisalu ghal akkadut li sehh fl-2011 u ghalhekk, l-artikoli 308 u 309 ma ghandhomx jinqraw kif jinsabu fis-sehh illum peress li bl-Att XXIV tal-2014, il-pieni ghal dawn iz-zewg reat zdied. Fl-2011, il-piena attribwibbli ghar-reat taht l-artikolu 308 kien dak ta' seba' (7) xhur sa sentejn, filwaqt li dak ghar-reat taht l-artikolu 309 kien dak ta' xahar wiehed (1) sa sitt (6) xhur.

**Kunsiderazzjonijiet legali – L-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali**

Il-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

Din l-imputazzjoni, a differenza mill-imputazzjonijiet l-ohra, ma tehtiegx li jkun hemm dokument falz. Fil-fatt, din l-imputazzjoni tittratta dokument 'genwin' li pero' jkun jikkontjeni dikjarazzjonijiet foloz. Id-dokument ghalhekk ma huwiex wiehed falz.

L-**artikolu 188** jghid hekk:

> ***188.*** *(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*
>
> *Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*
>
> *(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.*

Id-disposizzjoni ta' l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali huwa car, u jippunixxi lil kull min, sabiex jikseb vantagg, beneficcju, jew qligh, b'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, jaghmel dikjarazzjoni falza jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz.

Il-ligi hawnhekk bhal donnha qeghda tippunixxi proprju lil min jabbuza f'sitwazzjonijiet identici ghal dawk tal-imputat, jekk l-allegazzjonijiet jirrizultaw minnhom, in kwantu tali agir, il-ligi tqisu bhala wiehed kriminali.

Kif gja' inghad, fil-kaz in mertu, non si tratta ta' dokument falsifikat izda ta' dokument li fih informazzjoni falza. Il-gurisprudenza nostrana fil-fatt taghmel differenza bejn il-*falz ideologiku* u l-*falz materjali*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elton George Spiteri** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu 2007) gie kkunsidrat li:

> '*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Galea moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l- awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id- dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss issinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."*'

Issa fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raphael Agius** (deciza fit-30 ta' Ottubru 2018) l-istess Qorti tghallem illi:

*"ai fini tad-dottrina in tema ta' falsita' u sabiex effettivament jissussistu r-reati kkontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, irid necessarjament ikun hemm dokument, u f'dan ir-rigward, il-kazistika kopjuza tal-Qrati taghna iccitat id-definizzjoni ta' Antolisei ta' dokument bhala strument li fih kitba attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni espozizzjoni ta' fatti jew ta' volonta'. Kwindi fid-dawl ta' dan linsenjament, kitba mhix necessarjament sinjal alfabetiku, izda tinkludi wkoll numri u sinjali ohra bhal ma huma dawk stenografici jew kriptografici, kif ukoll pjanci ta' registrazzjoni ta' vetturi, kemm –il darba, pero', illi din il-kitba tesprimi hsieb li jkun miftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, indelibbli jew li jistghu jithassru, u fuq kwalsiasi mezz anki jekk il-messagg ikun wiehed ta' natura temporanja.*

…

*Illi ghalhekk, ghal dak illi jirrigwarda l-uzu tal-pjanca ta' registrazzjoni HBP 379, hawnhekk ghandna kaz ta' <u>dokument genwin</u> illi permezz tieghu, l-awtur qieghed jipprova jaghti taghrif falz b'abbuz ta' awtorita' pubblika sabiex jikseb vantagg ghalih innifsu. Ghalhekk, jidher manifestament, kif l-elementi li jirrikjedi l-Artikolu 188 (1) tal-Kodici Kriminali sabiex tinstab htija abbazi tieghu huma kollha sodisfatti. Ghal darba ohra, hawnhekk ma kienx kaz ta' jekk il-vettura in kwistjoni nstaqitx jew jekk xi hadd rax lill-appellat isuqha, ghaliex dak illi jrid l-Artikolu 188 (1) sabiex tinstab htija huwa li l-awtur tal-falsifikazzjoni jaghmel dikjarazzjoni falza f'xi dokument mahsub ghall-awtorita'*

*pubblika, jew jaghti taghrif falz, fatti li jirrizultaw ampjament mill-provi prodotti."*

**Kunsiderazzjonijiet legali – L-Artikolu 295 tal-Kodici Kriminali**

Il-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 295 tal-Kodici Kriminali li jghid:

> *"Kull min bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, jiddistruggi, ixerred 'l hawn u 'l hemm jew jgharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn, u, jekk jasal fil-hsieb tieghu, minn disa' xhur sa tliet snin."*

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Mix-xhieda li giet imressqa jirrizulta li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Aaron Grech li spjega u identifika lill-imputat bhala l-persuna li mieghu kien qed iwettaq dawn ir-reati. Illi dan qed jinghad ghaliex filwaqt li l-prosekuzzjoni ressqet provi ohra, il-kaz huwa msejsa fuq dak li kixef Aaron Grech.

Illi x-xhud Aaron Grech kien xehed darbtejn f'dawn il-proceduri. L-ewwel darba kienet nhar id-29 ta' Ottubru 2020 fejn kien gie iddikjarat:

*"Il-Prosekuzzjoni f'dan l-istadju qed jiddikjara lix-xhud Aaron Grech bhala xhud ostili u ghaldaqstant jitlob li tigi moqrija l-istqarrija datat 30 ta' Mejju 2014."*[45]

Madankollu in vista tal-fatt li rrizulta li t-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda ma ttiehditix minhabba fault tekniku fl-appart[46], l-istess xhud rega xehed nhar il-5 ta' Frar 2021 u din hija x-xhieda principali li kellha tistrieh fuqha l-Qorti.

Illi d-dottrina legali stabbilita li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti."*[47] u li bhala principju fundamentali tal-process gudizzjarju f'materja penali ghandu jilhaq il-grad tad-dubju dettat mir-raguni *"u jekk jezisit dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat."*[48]. Madankollu dan ma ghandux ifisser jew jigi interpretat li kull dubju huwa bizejjed sabiex iggib il-liberatorja jew li jinheles kull responsabilita legali stante li d-dubju hija rrid ikun wiehed wiehed ragonevoli.

Filwaqt li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Aaron Grech ghaliex ma kienx hemm persuni pajzana ohra prezenti li ra bic-car l-incident jew kien involut fit-twettiq tar-reati, il-Qorti taghmel referenza ghal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed jigi emmnut dan jista jigi kkunsidrat bhala prova sufficjenti hekk kif inhu ritenut fil-kaz **Pulizija vs Joseph Thorne**[49]

---

[45] Folio 71 ta' l-atti processwali
[46] Folio 73 ta' l-atti pricesswali
[47] Pulizija vs Paolo Farrugia; Appell Kriminali Inferjuri; 1 ta' Awissu 1959
[48] Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena; Criminal Appeal Superior Court; 5.12.2012; and Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, Criminal Appeal Superior Court; 5.7.2002.
[49] Court of Criminal Appeal (Inferior); 9th July 2003

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Dan il-punt gie wkoll spjegat fil-kaz **Il-Pulizija vs Matthew Borg**[50]

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **Il-Pulizija vs Kieran Vella**[51]

*" Issa meta l-Qorti tasal biex taghzel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu missewwa jew le."*

Ghalhekk meta l-Qorti tezamina l-atti kollha quddiemha, din il-Qorti trid tiddetermina jekk ghandiex provi bizejjed sal-grad rikjest fil-ligi u skond il-gurisprudenza sabiex tasal ghad-decizjoni finali. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jintqal minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[52] fejn jinghad:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a*

[50] Court of Criminal Appeal (Inferior); 10th November 2014
[51] Court of Criminal Appeal (Inferior); 6th October 2016
[52] 1974 – 2 ALL ER 372

*man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **The Police vs Yilmaz Azlan**[53] fejn gie ritenut:

*"the court has to conduct a certain exercise when assessing a witness to see whether he is saying the truth or otherwise and follows the above guidelines. However, these guidelines are not exhaustive. The law leaves such matters of discretion in the hands of the Judge who has to analyse such evidence in seeing whether for example a witness is credible or not, sees whether he has an ulterior motive to testify in the manner he did, to examine his behaviour and how he acted whilst on the witness stand and how he answered the questions put forward to him. In carrying out such an examination the court will be in a position to judge whether such witness is saying the truth, whether such evidence is consistent with what was said by the same witness earlier on if for example he himself is makes contradictions in his own testimony or whether there are other facts which disapprove what is being said by the witness. These are but a few examples because the law does not provide any hard rules on the judge as to how he is to carry out such examination. But it is imperative that the judge is free to use his own discretion to see where the witness takes him A judge can believe a witness in whole, in part or not at all".*

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-unika prova diretta li l-prosekuzzjoni ressqet sabiex tistabbilixxi l-allegazzjonijiet taghha fl-ewwel erba' imputazzjonijiet, hija essenzjalment ix-xhieda ta' Aaron Grech. Tajjeb jinghad li Aaron Grech ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu. Biss pero', din il-Qorti hadet *judicial cognizance* ta' dik is-

[53] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 18th June 2019 – Appeal No. 438/2014

sentenza li minnha jirrizulta li l-istess Aaron Grech ma kienx akkuzat **biss** tar-reat/i li bihom jinstab akkuzat l-imputat f'din il-kawza – ghall-kuntrarju, l-imsemmi Aaron Grech kien akkuzat ta' reati simili f'15-il okkazzjoni, migbura lkoll f'kawza wahda. Jidher ghalhekk, li l-istess Aaron Grech kien verament persuna (in kwantu ammetta dawn l-akkuzi) li kien abitwat ghal dawn it-tip ta' reati ta' frodi fil-konfront ta' kumpanniji assikuratrici. L-appell fil-konfront ta' Aaron Grech fil-fatt gie deciz finalment b'sentenza tal-31 ta' Lulju 2020 fejn l-imsemmi Aaron Grech gie kundannat tliet (3) prigunerija u ordnat ihallas is-somma ta' €39,931.55 lil numru ta' kumpanniji assikuratrici f'Malta.

Din il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkonsidra l-ewwel zewg imputazzjonijiet f'daqqa, in kwantu jitkelmu dwar il-frodi. L-uniku punt li din il-Qorti tista' tara li huwa 'nebuluz' huwa dak fejn l-akkuzat jghid li hallas lil Aaron Grech somma flus, skond hu, biex jiftah il-*claim*. Hu jghid li ma kienx jaf li fil-fatt ma kienx hemm bzonn ta' ebda somma biex tinfetah il-claim ta' Grech. Madankollu, din il-Qorti tqis dan il-punt pjuttost dubjuz – anke peress li l-imputat innifsu jikkonferma li ghandu u/jew kellu diversi vetturi ghax kien jezercita negozju ta' minibuses, taxis u karozzi *self-drive*. M'hemmx dubju li punt bhal dan, l-imputat kien jafu, jew almenu, seta' ragonevolment kien jafu.

Grech, min-naha l-ohra jghid li hu kien thallas dawn il-mijiet ta' Euro proprju bhala kumpens ghall-messa in xena. Madankollu, din id-dikjarazzjoni wahedha, minghajr xejn aktar biex jikkorroboraha, din il-Qorti ma tqisiex bizzejjed biex tkun konfermata, minghajr dubju dettat mir-raguni, li l-imputat kien konxju u xjentement wettaq dik il-messa in xena jew frodi li trid il-ligi fl-artikoli 308 u/jew 309 tal-Kodici Kriminali.

Ghalkemm huwa minnu li x-xhud Aaron Grech jidher li kien recidiv f'dawn it-tip ta' reati u effettivament ammetta li ddefrawda diversi kumpanniji

assikuratrici f'Malta f'diversi okkazzjonijiet – inkluz anke fil-kaz tal-imputat Stephen Inguanez – dan ma jfissirx, bhal donnu b'xi mod awtomatiku, li l-imputat Inguanez wettaq frodi hu.

Ghalkemm il-kaz fil-konfront ta' Grech jirreferi wkoll (fost diversi ohrajn) ghall-kaz ta' Inguanez, f'dak il-kaz (ta' Grech) kien hemm ammissjoni, u konferma tal-istess sejbien ta' htija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. F'dan il-kaz, Inguanez ikkontesta l-allegazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u l-pulizija strahet (kwazi unikament) fuq ix-xhieda ta' Grech.

Izda ghalkemm Grech jghid li 'ftehmu l-incident' – din il-Qorti tinnota li ma kien hemm ebda dettal affattu dwar l-imsemmi ftehim li pogga fis-sehh l-allegata messa in xena. Ma jinghad xejn dwar meta ltaqghu, xi ftehmu, kif ftehmu dwar il-hlas, kienx hemm xi tip ta' negozjati, min avvicina lil min, u hafna fatti ohra li, kieku esposti, setghu jaghtu xehta differenti (jew le) ta' l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' Inguanez.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, u fid-dawl tal-gurisprudenza hawn fuq citata mhux biss dwar ir-reati in kwistjoni taht l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, izda anke dwar dawk li jitkelmu dwar il-konviciment morali tal-gudikant, din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex iggib provi bizzejjed fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, u konsegwentement sejra tilliberah minnhom.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, gjaladarba din il-Qorti diga' qieset li l-imputat ma ghandux jinstab hati li qarraq fl-incident in kwistjoni, ma jistax jinstab hati li ghamel xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza fil-konfront tal-kumpannija assikuratrici. Ghaldaqstant, huwa ser jigi liberat anke minn din l-imputazzjoni.

Finalment, anke fir-rigward tar-raba' imputazzjoni li tittratta dwar l-allegazzjoni li l-imputat gharraq il-vettura tieghu bl-iskop kriminuz li jiehu xi

beneficcju mill-kumpannija assikuratrici, ghall-istess ragunijiet, l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Dwar l-addebitu tar-recidiva, l-imputat tressaq talli renda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D moghtija nhar is-27 ta' Novembru 2006 liema sentenza saret definitiva u ma tistax tigi mibdula.

F'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni esebit sentenza tal-Qorti.[54]

Mis-sentenza esebita jirrizulta li l-imputat kien instab hati fuq ammisjsoni tieghu stess u gie ikkundannat ghall-hlas ta' multa ta' Lm1,000. Illi skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, meta l-piena tkun dik ta' multa din ma tista tigi kkunsidrata bhala recidiva u ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv skont din is-sentenza u sejra tilliberah minnha.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 188(2), 295, 308, 309, 310(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Stephen Inguanez **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**Moghtija illum nhar it-8 ta' Novembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

[54] Dok RS1, Folio 20-21 ta' l-atti processwali

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**